MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 344/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Zammit**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Zammit ta’ 33 sena bin Romeo u Rita nee` Scicluna imwieled 26/1/1973 ID 76873(M) talli fil-21 ta’ Mejju, 2006, ghall-habta ta’ 7.00pm., fi Triq il-Mina ta’ Hompesch, Zabbar, saq vettura Nru. IAD-271:

(1) b’manjiera traskurata,
(2) perikoluza,
(3) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. IAD-271 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi,

(4) u aktar saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ l-imsemmija vettura fit-triq f’post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt,
(5) kif ukoll b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma’ vettura Nru. BAE-393 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta’ Mark Conti,
(6) u aktar meta kien involut f’incident tat-traffiku ma’ vettura Nru. BAE-393 naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub mil-ligi;

Il-Prosekuzzjoni talbet li Martin Zammit jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta’ Ottubru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil Martin Zammit hati skond l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u kkundannatu mutla ta’ mitejn lira (Lm200) kif ukoll skwalifikatu milli jkollu u jikseb kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sitt xhur; illiberatu mir-raba’ imputazzjoni u, “stante rinunzja ghall-azzjoni kriminali mill-parte leza tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames imputazzjoni, u tiddikjara s-sitt imputazzjoni preskritta u tillibera lill-imputat minnha”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Martin Zammit, minnu prezentat fil-15 ta’ Ottubru 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li huwa jigi liberat ukoll mill-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-30 ta’ Novembru 2007; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu erba’ aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: [**1**] illi it-tielet imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata, l-aktar meta huwa gie lliberat mir-raba’ imputazzjoni; [**2**] illi l-ewwel qorti ma setghtex tiskwalifikah mill-licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur u dan

in vista ta’ dak li jipprovdi l-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 15H tal-Kap. 65; [**3**] illi hu ma kellux jinstab hati li saq b’manjiera traskurata u perikoluza, cioe` skond l-ewwel u t-tieni imputazzjoni; u [**4**] illi hu ma kellux jigi sospiz mill-licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur peress li skond l-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 hu la saq bi traskuragni kbira u anqas b’mod perikoluz.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, ma tarax li ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti dwar it-tielet imputazzjoni. Is-sewqan ta’ l-appellant, kif deskritt kemm minn Mark Conti u, aktar grafikament, minn Paul Emanuel Conti, abbinat mal-fatt li xi siegha wara, meta l-istess appellant ingieb l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar, kien fi stat ta’ sokor u anke ammetta mas-Surgent 1428 Jesmond Delia li kien xorob minn go hanut f’Wied il-Ghajn u li ma kienx jiftakar li habat ma’ xi hadd – dan kollu jindika, fil-fehma ta’ din il-Qorti, li meta l-appellant habat u prattikament imbotta l-vettura ta’ Mark Conti minn nofs it-triq, huwa kien b’mod manifest mhux f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, m’ghandhiex l-icken esitazzjoni li tikkonkludi li l-appellant hu hati skond l-Artikolu 15A(1) tal-Kap. 65.

Fir-rigward tat-tielet aggravju, din il-Qorti wkoll hi tal-ferma konvinzjoni li s-sewqan ta’ l-appellant kien wiehed mhux biss traskurat izda wkoll perikoluz. Huwa evidenti li l-appellant, meta investa l-vettura ta’ Conti, tant kien taht l-influwenza tax-xorb li anqas biss irrealizza x’kellu quddiemu u x’kien qed jaghmel. Hu kien qed ipoggi f’perikolu mhux biss hajtu izda hajjet haddiehor ukoll. Ghalhekk dana t-tielet aggravju huwa infondat.

Kwantu ghall-piena tas-sospensjoni tal-licenzja, anke jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument, l-appellant ghandu ragun fir-rigward tat-tieni aggravju, xorta wahda tali sospensjoni kienet perfettament applikabbli skond l-Artikolu 15 tal-Kap. 65. Skond is-subartikolu (2) ta’ dana l-artikolu, meta allura s-sewqan ikun jew bi traskuragni kbira jew sewqan perikoluz, l-iskwalifika applikabbli hija (f’kaz ta’ l-ewwel kundanna) “ghal zmien ta’ **mhux anqas** minn tlett xhur”

(sottolinear ta’ din il-Qorti). Fi kliem iehor, il-qorti li tkun ma tistax tinzel taht it-tlett xhur, izda certament tista’ taghti aktar, kif effettivament ghamlet f’dan il-kaz. Ghalhekk anke r-raba’ aggravju huwa infondat.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta’ sospensjoni ta’ sitt xhur jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------